

GWIDA GĦALL-KONSUMATUR: IFHEM IL-KOPERTURA TAL-ASSIGURAZZJONI TIEGĦEK MATUL IT-TIFQIĠĦA TAL-CORONAVIRUS/COVID-19



1 IVVERIFIKA L-POLZA TIEGĦEK

Ivverifika d-dokumenti tal-polza tiegħek biex tiżgura li jkollok il-kopertura li għandek b'żonn: dak li huwa inkluż u, b'mod partikolari, dak li huwa eskluż



2 KUN AF L-OBBLIGI KUNTRATTWALI TIEGĦEK

Ikkuntattja lill-assiguratur jew lir-rappreżentant tiegħek jekk ma tistax tissodisfa l-obbligi kuntrattwali tiegħek, pereżempju jekk qed tiffaċċja diffikultajiet biex tħallas. Huma jistgħu jinfirmawk dwar kwalunkwe konsegwenza jew għażla differenti u jistgħu jistabbilixxu miżuri ta' għajjnuna



3 SIR AF DWAR IL-MIŻURI TA' KONTINĠENZA

Ivverifika kwalunkwe miżura li l-assiguratur tiegħek, l-intermedjarju tiegħek jew il-gvern stabbilixxa, bħal bidliet għall-proċeduri ta' ġestjoni tal-pretensjonijiet. Dawn jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati kwistjonijiet li għandek b'rabta mal-polza tiegħek



4 OQGĦOD ATTENT MINN OFFERTI QARRIEQA

Jekk tirċievi offerta, kun ċert li tivverifika d-dettalji bir-reqqa. Oqgħod attent minn messaġġi elettroniċi jew servizzi online, b'mod partikolari jekk ma tkunx użajthom qabel.

Sinjali ta' offerti qarrieqa: l-offerta tidher tajba wisq biex tkun vera; pressjoni mhux meħtieġa; talba biex tiġi żvelata informazzjoni personali pereżempju isem l-utent, password, data personali jew finanzjarja



5 TIPPANIKJAX JEKK IL-PRODOTT TA' INVESTIMENT TA' ASSIGURAZZJONI TIEGĦEK JITLEF IL-VALUR TIEGĦU

Bħalissa s-swieq tal-ishma huma volatili u jistgħu jibqgħu tali għal xi żmien. Jekk tinsab imħasseb dwar it-tnaqqis fil-valur jew, dwar jekk il-prodott għadux tajjeb għalik, kellem lill-assiguratur jew lir-rappreżentant tiegħek qabel tiegħu kwalunkwe azzjoni



6 F'KAŻ TA' DUBJU, IKKUNTATTJA LILL-ASSIGURATUR JEW L-INTERMEDJARJU TIEGĦEK

Huma għandhom dejjem jaġixxu fl-aħjar interessi tiegħek u huma obbligati jipprovdu informazzjoni ċara u f'waqtha

KUN AF AKTAR



L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) hija aġenzija tal-Unjoni Ewropea li taħdem biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur. Taqsima għal Suġġerimenti għall-Konsumaturi fis-sit web tal-EIOPA: https://www.eiopa.europa.eu/browse/consumers_en

#INSURANCE #PENSIONS #CONSUMERS



eiopa

European Insurance and
Occupational Pensions Authority
<https://www.eiopa.europa.eu>